31 ta' Marzu, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Anthony Spiteri *versus* Avv. Dr. Arturo Valenzia et.

**Taxxa — Avukat u Prokuratur Legali — Titolu Eżekuṫiv — Art. 251 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Biex taxxa tkun titolu eżekutiv għad-drittijiet ġudizzjali ta' l-avukat u tal-prokuratur legali jeħtieġ li tkun maħruġa favur tagħhom; u għalhekk huma ma jistgħux jeżegwixxu taxxa li tkun maħruġa favur xi kollitiganti li jkunu ġew minnhom patroċinati.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fit-3 ta' Marzu 1950 (dok. A) il-konvenuti ottenew kontra l-attur minn din il-Qorti mandat tal-qbid għas-somma ta' £50. 13. 5. bilanċ ta' somma akbar, għall-ispejjeż u drittijiet professjonali tagħhom skond għaxar taxxi ġà lilu notifikati b'ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar 1950 (dok. B); u billi, fost ħwejjeġ oħra, dawk it-taxxi ma humiex titoli eżekutivi skond l-art. 251 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, peress li ma ġewx maħruġin favur il-konvenuti, iżda favur u f'isem l-attur; u billi l-attur ma għandux jagħti lill-konvenuti s-somma mitluba, u għal dan il-fini hu qiegħed jimpunja l-imsemmija taxxi, fil-każ li dawna huma legalment effikaċi fil-konfront tiegħu; tiġi revokata l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat ta' l-elevazzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 251 (c) tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15, it-taxxa, biex tkun titolu eżekutiv għad-drittijiet ġudizzjali ta' l-Avukat u P.L., trid tkun magħmula favur tagħhom, l-għaliex il-kollitiganti avversarju għandu għar-ripetizzjoni ta' dawk l-ispejjeż ġudizzjali titolu

eżekutiv ieħor, u ċjoè s-sentenza jew id-digriet tal-Qorti li diemba jkun pendenti l-ġudizzju (ara Kollez. Vol. XIII, p na 530, Prim'Awla Ċivili 29 ta' Marzu 1892, "Sultana Axiak";

Illi t-taxxi li in forza tagħhom inħareġ il-mandat tal-in kwistjoni (ara mandat tal-qbid ċivili numru 99/50 fl-i jiet "Dr. Arturo Valenzia et. vs. Anthony Spiteri") k ġew maħruġa favur il-kollitiganti, u kwindi ma setgħux vu bħa'a titolu eżekutiv għall-konvenuti. li kienu difer ta' Anthony Spiteri;

Illi kwindi t-talba timmerita li tiġi milqugħa;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi u tirre l-eżekuzzjoni tal-mandat "de quo"; bl-ispejjeż għall-venuti.

---

I